MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 2411/1999/1

Rita **CASSAR**, Carmen Camilleri u Maria Dolores *sive* Doris Camilleri

vs

Carmel **SPITERI** u martu Mary Spiteri, bħala ko-amministratriċi ta' l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta' Novembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li l-Qorti (i) ssib li l-imħarrek jaħti għad-danni mġarrbin minnhom f'barumbara tagħhom li tinsab fir-raba' tagħhom

fi Triq Ħal Saflieni, f'Ħal Luqa, waqt li huwa kien qed jaħraq jew ħalla lil min jaħraq nar tal-festa bejn it-3 u l-5 ta' Lulju, 1998, bi traskuraġni jew imprudenza; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, id-danni minnhom imġarrbin minħabba l-egħmil tal-istess imħarrek; u (iii) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuhom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-18 ta' Settembru, 2000, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu li huma jaħtu b'xi mod għal dak li ġara, liema inċident huma jgħidu li ma ġarax u la bi ħtija u lanqas bi traskuraġni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-13 ta' Novembru, 2000[1], li bih ħatret lill-Perit Arkitett David Paċe bħala perit tekniku;

Rat ir-Rapport imressaq mill-imsemmi perit tekniku fil-11 ta' Jannar, 2008[2], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tat-23 ta' April, 2008;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' April, 2008[3], li bih laqgħet it-talba tal-avukat difensur tal-imħarrkin biex jitħallew iressqu lill-perit tekniku b'xhud tagħhom f'eskussjoni;

Semgħet ix-xhieda tal-istess perit eskuss[4];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 28 tal-proċess
[2] Paġġ. 65 sa 78 tal-proċess
[3] Paġ. 150 tal-proċess
[4] Paġġ. 152 – 9 tal-proċess

Illi din hija kawża dwar danni mġarrba minn sidien ta' bini li ġarrab ħsarat waqt li kien qiegħed jinħaraq nar għal festa fil-qrib. L-atturi jgħidu li l-imħarrek, li kien il-persuna liċenzjata biex jinħaraq in-nar, jaħti għal dak li ġara għaliex iqisu li kien traskurat u imprudenti. Huma jridu lilu u lil martu jħallsuhom kumpens għall-ħsara li ġarrab il-post;
Illi l-imħarrkin jiċħdu li kien hemm xi ħtija min-naħa tagħhom, u jgħidu li m'għandhomx għalfejn jagħmlu tajjeb huma għal dak li ġralhom l-atturi;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-atturi huma sidien ta' raba' magħruf bħala "*Tal-Plier*" li jinsab fil-qasam magħruf bħala Ta' Ħal Saflieni, fil-limiti ta' Ħal Luqa. Fl-inħawi hemm fabbrika tan-nar bl-isem ta' "*St. Andrew's Fireworks Factory*" li tagħha l-imħarrek huwa l-persuna liċenzjata[5]. Dak inhar tal-festa kien qiegħed jinħaraq ukoll nar ta' każin ieħor tal-banda, iżda dan kien minn band'oħra 'l bogħod mir-raba' tal-atturi[6];

Illi f'dan ir-raba' hemm binja b'żewġt ikmamar waħda fuq l-oħra b'taraġ minn barra – fis-sura ta' barumbara – li, waqt li kien qed jinħaraq nar tal-festa ta' Sant'Andrija fil-jiem ta' bejn l-erbgħa (4) u l-ħamsa (5) ta' Lulju, 1998, il-binja ġarrbet ħsarat. L-atturi jgħidu li l-ħsara ġrat għaliex xi murtali ma bdewx jieħdu fl-ajru, iżda bdew jaqgħu u jieħdu malli jaħbtu mal-art[7]. Huma ntebħu bil-ħsara l-għada tal-festa meta marru fir-raba' tagħhom u sabu l-binja fil-qagħda li kienet[8]: matul il-jiem tal-festa ma resqux 'l hemm minħabba li parti min-nar kien qed jinħaraq qrib (jew ġewwa) r-raba' tagħhom u n-nar il-kbir kien qiegħed jinħaraq ftit aktar 'l isfel[9];

Illi l-ħsara kienet kbira u l-binja ġġarrfet f'parti minnha. Jidher li l-inċident seħħ billi xi murtal ħa mal-kamra ta' fuq tal-binja, tant li t-twieqi u xi ħitan inbeżqu 'l barra[10]. Waqa' wkoll biċċa mis-saqaf tal-kamra ta' fuq u l-parti ta' fuq tat-

---

[5] Xhieda tiegħu 24.11.2003, f'paġ. 117 tal-proċess
[6] Affidavit ta' Paul Żammit f'paġ. 80B tal-proċess
[7] *ibid*
[8] Xhieda tal-attriċi Carmen Camilleri 10.12.2001, f'paġ. 103 tal-proċess
[9] Xhieda tal-attriċi Doris Camilleri 25.9.2002, f'paġ. 109 tal-proċess
[10] Dokti "A5" sa "A10" (ritratti) f'*envelope* f'paġ. 80 tal-proċess

taraġ ta' barra li jagħti għal dik il-kamra[11] Deher ukoll li xi ħaxix qrib il-binja kien qabad ukoll[12]. Qrib il-post kien hemm fdalijiet ta' nar (mutrali) maħruq. L-atturi qabbdu perit li sab li l-binja trid titwaqqa' u tittella' mill-ġdid u ta stima tan-nefqa[13], liema stima aġġustaha b'ċertifikat ieħor maħruġ ftit jiem wara[14]. Il-perit kien tal-fehma li, minn dak li ra, l-isplużjoni seħħet fuq il-bejt tal-barumbara[15];

Illi f'dawk l-inħawi kien qiegħed jinħaraq nar mis-Soċjeta' Filarmonika Unjoni, u l-imħarrek kien il-persuna li kellha l-permessi biex taħraq in-nar dik is-sena f'isem dik l-assoċjazzjoni. L-Assoċjazzjoni kienet assikurata għall-ħruq minnha tan-nar f'dik is-sena. Meta nqala' l-inċident, l-assikurazzjoni kienet qabbdet perit biex jara x'setgħet kienet il-kawża tat-tiġrif tal-kamra u x'kien meħtieġ li jsir biex tissewwa l-ħsara[16]. Il-perit wera l-fehma li, mill-mod kif dehret il-ħsara, t-tiġrif ġara wara splużjoni li ġrat ġol-kamra ta' fuq tal-barumbara;

Illi fil-jiem li nħaraq in-nar mis-Soċjeta' Unjoni, r-riħ kien fid-direzzjoni bejn punent majjistru (WNW) u l-majjistral it-tramuntana (NNW) b'saħħa li kienet tvarja skond il-ħin tal-jum[17]. Il-kamra tal-atturi tiġi fin-nofsinhar ix-xlokk (SSW)[18] ta' fejn l-imħarrek qal li kienu jinsabu l-egħlieqi minn fejn inħaraq in-nar f'dawk il-jiem, liema egħlieqi jinsabu madwar mija u għoxrin metru (120m) u mija u sitta u ħamsin metru (165m) 'il bogħod mill-imsemmija barumbara;

Illi l-atturi jgħidu li s-Soċjeta' u l-uffiċjali tagħha għall-ewwel kienu assumew ir-responsabbilta' li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li ġarrab il-post tal-atturi. L-imħarrek jikkonferma li kienet saret l-offerta, bla preġudizzju, għaliex l-atturi kienu nies "tal-Partit" u dment li l-atturi jixtru l-materjal[19]. Dan, iżda, baqa' ma sarx;

---

[11] Ara ritratti f'paġ. 80N tal-proċess
[12] Dokti "A12" u "A13" (ritratti) *ibid.*
[13] Dok "A", f'paġġ. 5 – 6 tal-proċess
[14] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
[15] Xhieda tal-A.I.Ċ. Anton Żammit 25.9.2002, f'paġ. 108 tal-proċess
[16] Dok "JR1", f'paġġ. 80L sa 80P tal-proċess
[17] Dokti "SP1" u "SP2" f'paġġ. 80W u 80X u 80Q sa 80R tal-proċess
[18] Ara Dok "PT1", f'paġ. 79 tal-proċess
[19] Xhieda tiegħu 24.11.2003, f'paġ. 120 tal-proċess

Illi l-atturi fetħu l-kawża f'Novembru tal-1999;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar ir-responsabbilta' ta' dak li seħħ. Għalkemm l-atturi jgħidu li l-assoċjazzjoni responsabbli mill-ħruq tan-nar kienet assumiet ir-responsabbilta' għal dak li ġara, ħareġ mix-xhieda li dik il-proposta kienet saret mingħajr preġudizzju. Il-Qorti, għalhekk, ma toqgħodx fuq proposta li ssir b'dan il-mod u ma tgħoddhiex bħallikieku kienet fatt pruvat u lanqas bħala ċirkostanza li hija ammissibbli. Fuq kollox, jekk saret xi proposta, din saret mill-Assoċjazzjoni, filwaqt li din il-kawża nfetħet kontra l-imħarrek (u martu);

Illi għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tar-responsabbilta' għal dak li ġara, l-Qorti tqis ukoll li f'dan il-każ, iżda bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu kienu qribhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli[20]. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[21]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li *actore non probante reus absolvitur*[22]. Min-naħa l-oħra,

[20] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***

[21] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***

[22] Ara, per eżempju, P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.***

mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[23]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[24];

Illi b'żieda ma' dan jingħad li l-kawża li l-Qorti għandha quddiemha hija waħda għal riżarċiment ta' danni mġarrba fuq il-bażi tal-ħtija akwiljana. Il-liġi[25] titkellem ċar dwar ir-responsabbilta' tal-għamil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Jaħti ta' għamil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[26]. Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni[27]. Ta' dan id-deni jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri. Dan, wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbilta' ċivili mnissla mill-għamil doluż jew kolpuż[28];

Illi madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[29];

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għamil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-għamil jew ta' dik l-

[23] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***
[24] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***
[25] Art. 1031 tal-Kap 16
[26] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[27] Art. 1033 tal-Kap 16
[28] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[29] Art. 1029 tal-Kap 16

omissjoni[30]. Għar-rigward tal-kwestjoni tar-responsabbilta' huwa meħtieġ li jintwera li l-atturi ġarrbu l-ħsarat li minnhom jilmintaw u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li l-imħarrek kien jaħti għalihom. Din ir-rabta ta' kawżalita' bejn l-għamil (jew l-omissjoni) tal-parti u l-effetti mġarrba hija s-sies tal-azzjoni mressqa mill-atturi;

Illi jibda biex jingħad li l-imħarrka Mary Spiteri ma kellha l-ebda sehem fil-ġrajja li seħħet. Ma tressqet l-ebda prova li hija kienet b'xi mod imdaħħla fil-ħruq tan-nar jew f'xi ċirkostanza msemmija mill-atturi. L-ewwel talba attriċi nnifisha ssemmi biss lil żewġha bħala l-persuna li l-atturi jqisu bħala li taħti għall-ħsara li ġarrbu. Il-Qorti tifhem li l-għan tal-atturi li jħarrku wkoll lill-imsemmija Mary Spiteri hu dak li, f'każ li żewġha jitqies li kien jaħti hu, allura l-indenniżż ikun imħares bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi għal dak li jirrigwarda lill-imħarrek Carmel Spiteri, huwa jiċħad li l-ħsara li ġrat fil-post tal-atturi kienet b'xi mod kawżata minn xi ħaġa li jrid iwieġeb għaliha hu. Dan jagħmlu billi jgħid li ma jistax ikun li dak li ġara kien il-ħtija ta' xi nar li ma nħaraqx kif messu, u wkoll billi jgħid li dak li ġara sata' kien miġjub mill-intervent ta' xiħadd ieħor. Dwar dawn iż-żewġ linji ta' difiża ressaq ukoll ix-xhieda. Il-Qorti sejra tqis iż-żewġ linji ta' difiża fl-ordni li qegħdin jissemmew;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-kamra ta' fuq tal-barumbara u l-parti ta' fuq tat-taraġ li jwassal għaliha ġarrbu ħsarat minħabba splużjoni. Dan il-fatt jaqblu miegħu l-periti arkitetti kollha imdaħħla fil-biċċa: jiġifieri dak maħtur mill-atturi, dak maħtur mill-kumpannija assikuratriċi u l-perit tekniku. Dak li ma jaqblux dwaru l-periti msemmija hu dwar jekk l-isplużjoni ġratx barra mill-kamra u qrib ħafna tagħha jew ġratx ġewwa fiha. Fit-tieni lok, tressqu provi li juru li l-ħsara lill-barumbara ġrat fil-jiem li kien qiegħed jinħaraq in-nar. Il-perit tal-atturi u dak maħtur mill-kumpannija assikuratriċi jaqblu li raw traċċi ta' ħruq fil-ħaxix u siġar ta' madwar il-binja u li t-tiġrif seħħ minħabba

---

[30] App. Ċiv. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġovanni Vella et vs Michael Ċilia***

splużjoni. Fit-tielet lok, il-binja, għalkemm mhix waħda ġdida, ma kenitx imqagħbra jew fi stat li kienet sejra tiġġarraf minn ħin għal ieħor. L-atturi kienu jinqdew biha biex iżommu fiha l-għodda tar-raba' u jidħlu fiha meta jaħdmu r-raba'. Fir-raba' lok, il-binja m'hijiex bogħod ħafna mill-egħlieqi li l-imħarrek innifsu jgħid li fihom kien qed jinħaraq in-nar tal-festa f'dik is-sena (il-perit tekniku ikkostata b'mod preċiż il-bogħod fil-linja dritta mill-egħlieqi sal-binja tal-atturi). Fil-ħames lok, l-imħarrek kien il-persuna liċenzjata biex taħraq in-nar tal-assoċjazzjoni Unjoni u jaqbel li f'dawk il-jiem kien ħaraq in-nar, bl-għajnuna ta' persuni liċenzjati taħt id-direzzjoni tiegħu;

Illi skond il-verżjoni tal-atturi, huma ntebħu b'dak li ġara l-għada tal-festa (jiġifieri t-Tnejn) meta sal-bidu ta' l-ġimgħa ta' qabel kuġinuhom Paul Żammit kien ħasad l-uċuħ tal-qamħ qabel beda jinħaraq in-nar matul il-ġimgħa ta' qabel il-festa (biex jevita li jinħaraq jekk kemm-il darba kellu jaqa' xi fdal iġammar tal-murtali) u kien ra li l-binja kienet f'postha. Meta l-atturi u wieħed Pawlu Busuttil marru l-għalqa l-għada tal-festa u raw x'kien ġara mill-binja, kienu sabu fil-madwar fdalijiet tal-murtali maħruqa u wkoll murtal li ma kienx ħa u waqa' sħiħ ġol-għalqa tagħhom. Il-murtal kien ħadu miegħu l-imħarrek, iżda ħafna mill-fdal ġabruhom l-atturi u saħansitra esebew xi ftit minnhom lill-perit tekniku;

Illi l-imħarrek imieri lill-atturi u t-teżi tagħhom fuq tliet (3) argumenti: l-ewwel, billi jgħid li ma setax ikun li tabilħaqq waqa' murtal fuq il-binja tal-atturi, għaliex kull murtal li waqa' kien segwit u ma waqa' l-ebda murtal f'dak il-post; it-tieni, billi jisħaq li mid-direzzjoni li kien jonfoħ ir-riħ, ma sata' qatt li niżel xi murtal fir-raba' tal-atturi għaliex ir-riħ kien qiegħed jonfoħ f'direzzjoni 'l bogħod minn dak ir-raba'; u t-tielet, billi jgħid li wara li ntemm il-ħruq tan-nar meta ntemmet il-festa, saret tfittxija sewwa tal-inħawi u ma nstab l-ebda nar li ma nħaraqx fis-sema. F'dan ir-rigward, huwa jgħid li l-atturi tkellmu biss madwar ġimgħa wara li għaddiet il-festa u lanqas biss marru jagħmlu rapport lill-Pulizija[31];

[31] Xhieda tiegħu 24.11.2003, f'paġ. 119 tal-proċess

Illi l-Qorti qieset sewwa dawn l-argumenti tal-partijiet. Madankollu, meta tqabbilhom ma' provi mressqa li joriġinaw minn egħjjun barranin li ma kellhom l-ebda interess dirett fil-kwestjoni, tasal biex tgħid li ma tistax taqbel mal-verżjoni tal-imħarrek u aktar tgħodd u hija plawsibbli t-teżi attriċi. Mhux hekk biss, iżda xi biċċiet mix-xhieda rilevanti mressqa mill-imħarrek ma taqbilx u hija kontradittorja ma' xhieda oħra mressqa minnu stess. Dan joħroġ minn żewġ ċirkostanzi li l-Qorti tqishom bħala siewja għad-determinazzjoni ta' dak li sata' ġara: il-kwestjoni tar-riħ u l-kwestjoni tat-tiftix u l-verifika tan-nar li ma jkunx ħa;

Illi l-imħarrek jgħid li fil-biċċa l-kbira taż-żmien, il-riħ kien fid-direzzjoni tal-Punent-majjistru. Dan jaqbel mal-kostatazzjonijiet magħmula mill-osservazzjonijiet li saru matul dawk il-jiem mill-Uffiċċju Meteoroloġiku. Mill-kostatazzjonijiet teknikċi magħmula mill-perit tekniku, r-raba' tal-atturi (u l-binja li hemm fih) tiġi fid-direzzjoni tan-nofsinhar ix-xlokk minn fejn kien qed jinħaraq in-nar). Dan ifisser li jekk tabilħaqq ir-riħ prevalenti kien dak imsemmi mill-imħarrek (kif jirriżulta li tassew kien), mela dan ifisser li r-riħ kien qiegħed jonfoħ lejn ir-raba' tal-atturi u mhux 'il bogħod minnu. Minbarra dan, xhud imressaq mill-imħarrek u li dak il-ħin li kien qiegħed jingħata n-nar kien qribu, qal li r-riħ kien qawwi u semma li kien mill-Punent jew il-Lbiċ[32] u li saħansitra kellhom iħallu l-karozzi tagħhom ipparkjati 'l bogħod fi Triq Garibaldi[33], iżda xhud ieħor[34] li jgħid li dak inhar u dak il-ħin kien mal-oħrajn fl-istess post qal li ma kienx hemm riħ qawwi li sata' jieħu murtal mhux maħruq sar-raba' tal-atturi. Xhud ieħor stqarr li dak inhar, kien hemm erba' (4) murtali li waqgħu u ħadu n-nar qrib il-kamra tan-nar u ieħor li waqa' fil-wied[35] u saħansitra ressaq notament li kien ħa dakinhar stess biex jikkonferma x'ġara minn kull murtal li kien għamel hu u li ttella' dak inhar[36];

---

[32] Xhieda ta' Carmel Ċiappara 7.2.2005, f'paġ. 126 tal-proċess
[33] Xhieda ta' Carmelo Camilleri 11.1.2006, f'paġ. 136 tal-proċess
[34] Xhieda ta' Stephen Camilleri 3.3.2006, f'paġ. 139 tal-proċess
[35] Xhieda ta' Mario Farruġia 22.6.2005, f'paġ. 130 tal-proċess
[36] Dok "MF1", f'paġ. 80A tal-proċess

Illi dwar it-tiftix u l-kostatazzjoni tan-nar li ma jkunx ħa, l-imħarrek jgħid li dak inhar filgħaxija ma ħarġux ifittxu n-nar mhux maħruq għaliex "ma għandniex mezz li mmorru nfittxuhom, B'*searchlight* l-aħjar, iżda aħjar bid-dawl t'Alla"[37]. Iżda xhud imressaq minnu qal li ħarġu jduru biex jfittxu n-nar mhux maħruq dak inhar stess[38]. Xhud ieħor[39] qal li ma sar l-ebda tiftix għal murtali fir-raba' tal-atturi għaliex qal li dak ir-raba' kien "kważi elfejn pied"[40] 'l bogħod minn fejn sar il-ħruq tal-murtali, meta diġa ntwera mill-provi li r-raba' tal-atturi ma kienx aktar bogħod minn mija u ħamsa u sittin metru minn fejn ingħata n-nar;

Illi, mbagħad, dwar id-difiża tal-imħarrek li l-isplużjoni setgħet ġrat minħabba l-għamil ta' ħaddieħor, jibda biex jingħad li dan huwa x'aktarx argument milli prova. L-imħarrek qal li dan sata' kien każ, għaliex mhux darba jew tnejn jiġri li nies li jkunu jħufu fl-inħawi jiġbru nar li ma jkunx ħa u jmorru jaħarquh x'imkien. Semma wkoll egħmil ta' vendikazzjoni li jsir minħabba pika jew għira. Għall-Qorti, dawn huma biss konġetturi li ma jistgħux iservu ta' prova pożitiva li taqla' 'l barra lill-imħarrek mir-responsabbilta' li huwa kellu f'kull ħin li kien qiegħed jinħaraq in-nar taħt is-sorveljanza tiegħu;

Illi, minbarra dan, huwa magħruf li f'każijiet mibnija fuq il-ħtija akwiljana, d-difiża tat-terz mhux magħruf ma tgħoddx biex teħles lill-parti mħarrka mill-obbligu li tagħmel tajjeb għall-ħsara li tkun ġrat jekk kemm-il darba jintwera li hemm rabta bejn l-imġarrab u l-għamil (jew omissjoni) tal-parti mħarrka. F'każijiet fejn il-parti mħarrka mixlija b'responsabbilta' tipprova teħles minn dik ix-xilja billi tipponta subgħajha lejn ħaddieħor, il-Qrati ma jħarsux b'wisq favur lejn atteġġament bħal dan. Jekk dik il-parti mħarrka ma tafx min seta' kien tali terz jew jekk, minkejja li kellu ħjiel, naqset li tressqu fil-kawża, m'huwiex xieraq li għal dan il-fatt tbati l-parti attriċi (li, fil-ħsieb tagħha, tkun diġa' indirizzat il-pretensjonijiet tagħha kontra l-parti

---

[37] *ibid* Xhieda tiegħu 24.11.2003, f'paġ. 119 tal-proċess
[38] Xhieda ta' Joseph Aquilina 7.2.2005, f'paġ. 128 tal-proċess
[39] Xhieda ta' Carmelo Camilleri 11.1.2006, f'paġ. 137 tal-proċess
[40] Jiġifieri 609 metri

mħarrka) u jinħeles min kellu parti mill-ħtija[41]. F'każ li jiġri hekk, titħaddem ir-regola li tinsab fl-artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili. Minbarra dan, billi l-kawża tagħmel stat fir-rigward tal-partijiet li jkunu fiha, l-ebda Qorti ma tista' titfa' ħtija fuq min ma jkunx parti fil-kawża[42]. Għalhekk, safejn il-Qorti tkun soddisfatta li l-parti mħarrka b'xi mod tkun responsabbli għal dak li tixliha bih il-parti attriċi, ma jkunx hemm lok għal aktar spekulazzjoni dwar xi sehem li seta' kellha xi terza persuna li la tissemma b'isimha jew tkun identifikata jew lanqas biss tissejjaħ fil-kawża[43];

Illi, kemm hu hekk, jinsab stabilit li jekk kemm-il darba f'kawża tinġab prova li kien hemm responsabbilta' ta' terza persuna li m'hijiex fil-kawża flimkien ma' responsabbilta' tal-parti mħarrka, il-konklużjoni ma tkunx li l-parti mħarrka titqies responsabbli f'parti biss, imma titqies responsabbli f'kollox lejn il-parti attriċi bid-dritt ta' din ta' kull jedd ta' azzjoni ta' rivalsa fir-rigward tat-terza persuna jekk ikun il-każ[44];

Illi meta l-Qorti tgħaqqad dawn ix-xhieda kollha ssib li l-verżjoni tal-imħarrek ma treġix u lanqas tikkonvinċi. Għall-kuntrarju, l-Qorti waslet għall-fehma furmata li l-ħsara li ġrat lill-binja tal-atturi kienet l-effett dirett ta' murtal maħruq mill-imħarrek, jew ħaddieħor imqabbad minnu, li ħa qrib ħafna jew malli miss mal-bejt tal-istess binja. Il-qawwa tiegħu kienet biżżejjed biex wasslet għat-tiġrif ta' biċċa mis-soqfa u l-ħsara l-oħra li rriżultat. Id-difiżi li ressaq l-imħarrek m'humiex biżżejjed biex idawru l-fehma tal-Qorti favurih;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi;

Illi għar-rigward tal-<u>kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni</u>, il-perit tekniku ħareġ bi stima li tinkludi fiha kemm il-materjal li jrid jintuża u kif ukoll ix-xogħol għall-ħatt u l-bini mill-ġdid tal-barumbara. Matul l-eskussjoni, l-għaref difensur tal-

---

[41] App. Ċiv. **9.12.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Camilleri pro et noe vs Nazzareno Cutajar et*** (mhix pubblikata)
[42] P.A. **21.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Fenech noe vs Paul Gauċi*** (mhix pubblikata)
[43] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***
[44] App. Ċiv. **27.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Busuttil vs Angelo Xuereb et***

imħarrkin ried lill-perit tekniku jgħid f'liema qagħda kienet il-binja qabel ma ġġarrfet fl-inċident jew jekk, bit-tiswijiet rakkomandati minnu, kienx ser ikun il-każ li binja "malandata" kienet ser tinbidel f'binja "f'kundizzjoni perfetta"[45]. Naturalment, il-perit tekniku ma kienx f'qagħda li jgħid f'liema qagħda kienet il-barumbara sa dak il-ħin li seħħ l-inċident, aktar minn dak li sata' jara meta aċċeda fuq il-post u mir-ritratti meħuda mill-atturi. Iżda lanqas il-perit imqabbad mill-assikurazzjoni ma qal li l-binja kienet tassew waħda għajjiena jew malandata. Min-naħa l-oħra, ir-rimedji li huwa issuġġerixxa li kienu meħtieġa biex tissewwa l-ħsara kienu l-istess rimedji li l-perit takniku qal li jmisshom isiru. Min-naħa l-oħra, l-istima li ta l-perit mqabbad *ex parte* mill-atturi tinkludi wkoll l-istess rakkomandazzjonijiet, iżda hija ogħla sewwa mill-istima magħmula mill-perit tekniku;

Illi l-Qorti sejra toqgħod fuq l-istima tal-perit maħtur minnha;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-ħsara mġarrba mill-atturi fis-somma ta' tlitt elef erba' mija u erbgħa u disgħin euro (€ 3494), liema somma jrid jagħmel tajjeb għaliha l-imħarrek ladarba nstab li huwa jrid iwieġeb għaliha;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għad-danni mġarrba mill-atturi fil-ġid tagħhom li jinsab f'Ta' Ħal Saflieni, fil-limiti ta' Ħal Luqa meta post tagħhom intlaqat minn murtal li sploda waqt li kien qiegħed jinħaraq nar tal-festa taħt id-direzzjoni tal-istess imħarrek fl-erbgħa (4) jew fil-ħamsa (5) ta' Lulju, 1998;

**Tiċħad l-eċċezzjoni** tal-imħarrek bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

---

[45] Ara xhieda A.I.Ċ. David Paċe 2.10.2008, f'paġġ. 156 – 8 tal-proċess

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi fis-somma ta' tlitt elef erba' mija u erbgħa u disgħin euro (€ 3494);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-atturi s-somma ta' tlitt elef erba' mija u erbgħa u disgħin euro (€3494) bħala danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-imħarrek iħallas ukoll l-**ispejjeż kollha tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------